**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 27 ta` Marzu 2018**

**Kawza Nru. 7**
**Rik. Nru. 883/13/2 JZM**

**All Invest Company Limited bin-numru ta` registrazzjoni C22239 kif debitament rapprezentata mid-direttur uniku Wallace Falzon detentur tal-karta ta` l-identita` bin-numru 308986M**

***kontra***

**X**

***u***

**b`digriet tal-31 ta` Ottubru 2013 l-Awtorita` ghas-Servizzi Finanzjarji ta` Malta kienet ammessa tintervjeni fil-procediment *in statu et terminis***

***u***

**b`digriet tat-28 ta` Novembru 2013 Anthony Spiteri u Miriam Spiteri, Jeffrey Vella u Romina Vella, Carmen Spiteri u Vincent Spiteri, Joseph Borg u Doris Borg, Joseph Borg u Deborah Carrie Borg, Gino Cremona u Marthese Cremona, John Galea u Maryanne Galea, John Galea u Loredana Galea, Alexander Farrugia u Mansueta Farrugia, Maria Gabriella Farrugia, Angela Incorvaja, John Aquilina u Maria Lourdes Aquilina, Saviour Cutajar, Mario Baldacchino u Mary Anne Baldacchino, Romeo Borg u Carmen Borg, Rose Borg, Carmel Cachia u Nazzarena Cachia, Gennaro Camilleri, J M Camilleri u M D Camilleri, Robert Camilleri, Saviour Darmanin, Emanuel Galea u Margaret Galea, Emanuel Gravina, Anthony u Teresa Mangion, Joseph Said u Lucia Said, Polyanne Schembri, Ray Sciberras u Lucienne Sciberras, Mario Xuereb u Dolores Xuereb, Andrew Zammit u Josephine Zammit kienu ammessi jintervjenu fil-procediment *in statu et terminis***

***u***

**b`digriet tat-12 ta` Dicembru 2013 Paul Diacono u Susan Mary Diacono, Paul Debono, Michelina Debono u Joseph Debono, Daniel Grima u Nadia Grima, Carmelo Grima u Maria Dolores Grima, George Sammut u Maria Sammut, William Micallef u Maria Alfrida**

**Micallef kienu ammessi jintervjenu fil-procediment *in statu et terminis***

***u***

**b`digriet tat-12 ta` Dicembru 2013 George Zammit u Yvonne Zammit, Jane Borg, Palma u Eugenio konjugi Borg, Carmel Borg, Joseph Mary Frendo u Mary Annunzjata Frendo, David Frendo, Rupert Buttigieg u Nathalie Buttigieg, Frances Amaira, Ivan Bartolo u Ruth Bartolo, Mario Vassallo u Josette Joan Vassallo, James Cutajar u Graziella Cutajar, Rosina Fenech u Philip Fenech, Grezju Micallef u Antonia Micallef, Carmelo Camilleri u Dolores Camilleri, Carmel Preca u Maria Stella Preca, Anthony Busuttil u Mary Anne Busuttil kienu ammessi jintervjenu fil-procediment *in statu et terminis***

***u***

**b`digriet tat-12 ta` Dicembru 2013 Maria Camilleri u Maddalena Muscat kienu ammessi jintervjenu fil-procediment *in statu et terminis***

**Dan huwa provvediment wara rikors li pprezentat All Invest Company Limited fid-29 ta` Settembru 2017 fejn talbet ir-riappuntament tal-kawza fl-ismijiet premessi skont l-Art 964 tal-Kap 12.**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors.

Rat id-digriet taghha tal-31 ta` Ottubru 2017.

Rat ir-risposta li pprezentat l-Awtorita` ghas-Servizzi Finanzjarji ta` Malta fil-21 ta` Novembru 2017.

Rat digriet iehor li tat fis-27 ta` Novembru 2017.

Rat l-atti li kienu prezentati in segwitu ghal dak id-digriet.

Semghet is-sottomissjonijiet li ghamlu d-difensuri fl-udjenza tal-1 ta` Marzu 2018.

Rat id-dokumenti li kienu prezentati fl-istess udjenza.

Rat illi r-rikors thalla ghal provvediment ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra.

**Ikkunsidrat :**

Il-provvediment taghha tat-30 ta` Marzu 2017 kien ighid hekk :-

*Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti mhijiex sejra tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti – alemnu f`dan l-istadju u sakemm ir-rikorrenti ma tkunx qaghdet bis-shih mad-direttiva li tatha l-Awtorita` ghas-Servizzi Finanzjarji ta` Malta fis-16 ta` Settembru 2013.*

*Ghalhekk il-Qorti qeghda thalli sine die dan il-procediment, riappuntabbli skont il-ligi, fil-kaz biss illi fit-terminu stabbilit fil-ligi, isir rikors konguntiv mir-rikorrenti u mill-Awtorita` ghas-Servizzi Finanzjarji ta` Malta li jghid illi r-rikorrebti ottemperat ruhha bis-shih mad-direttiva li tatha l-Awtorita` ghas-Servizzi Finanzjarji ta` Malta fis-16 ta` Settembru 2013.*

*L-ispejjez ta` dan il-procediment sal-lum jibqghu riservati.*

**Ikkunsidrat :**

**Jirrizulta li r-rikorrenti ressqet gudizzjarjament il-kontestazzjoni taghha ghall-provvediment ta` din il-Qorti tat-30 ta` Marzu 2017 bil-mod li, fil-fehma taghha, dehrilha l-aktar opportun.**

**Kienx dak il-mod kif kellu jkun ikkontestat il-provvediment hija materja li ghad trid tkun trattata u deciza minn Qorti ohra.**

**Dan premess, il-kontestazzjoni ut sic ta` dak il-provvediment mhijiex il-mertu tar-rikors odjern.**

**Ikkunsidrat :**

**Ir-rikors ta` llum ta` All Invest Company Limited jinvesti l-kwistjoni ta` jekk il-provvediment tat-30 ta` Marzu 2017 kienx jesigi propju l-presentata tar-rikors odjern sabiex ir-rikorrenti tkun ikkawtelata minhabba l-perentorjeta` tat-terminu ta` sitt xhur kontemplat bl-Art 964 tal-Kap. 12.**

**Almenu ghal din il-Qorti huwa bil-wisq evidenti li r-riappuntament tal-kawza skont l-Art 964 tal-Kap 12 kien ghal kollox <u>dipendenti u marbut</u> ma` li kellu jsir dak kollu li kien jghid il-provvediment tat-30 ta` Marzu 2017.**

**Mankanti l-kriterji li riedet l-Qorti bil-provvediment tat-30 ta` Marzu 2017, kellu jfisser li lanqas biss kellu jibda jiddekorri t-terminu tal-Art 964 tal-Kap 12.**

**Il-Qorti tistqarr illi tghozz bl-akbar qima dak li l-legislatur avda ghall-konsiderazzjoni u ghad-decizjoni taghha. Fl-istess waqt l-obbligu tal-Qorti huwa li tfittex ic-certezza tad-dritt u li taghmel gustizzja skont il-ligi.**

**Bl-Art 964 tal-Kap 12 dak li fis-sostanza ried jikseb il-legislatur kien illi jaghmel terminu perentorju minn meta kawza tithalla *sine die* sabiex jassikura ruhu li parti ma tkunx tilfet l-interess li tkompli bil-kawza.**

**Il-Qorti tifhem ukoll il-premura li parti ssib ruhha fiha meta tkun rinfaccjata minn terminu perentorju.**

**Ikkunsidrat :**

**Hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti illi kieku All Invest Company Limited ma pprezentatx ir-rikors odjern, ma kenitx sejra tigi fix-xejn l-istanza li ppromwoviet fit-13 ta` Settembru 2013.**

**Fi kliem bil-wisq aktar car il-kawza ma kenitx sejra tkun dezerta.**

**Qed jinghad dan ghaliex il-mottiv ghalfejn il-kawza thalliet *sine die* ma kien ser ikun realizzat qatt sakemm ma jkunx avvera ruhu dak li pprovdiet il-Qorti fil-provvediment taghha tat-30 ta` Marzu 2017.**

**Ikkunsidrat :**

**Peress illi ghadu mhux sodisfatt dak li stabbiliet fil-provvediment taghha tat-30 ta` Marzu 2018, mhuwiex il-kaz li l-kawza terga` tigi riappuntata.**

**B`zieda ma` dan, peress illi bil-kawza bin-Nru 894/17 MCH, All Invest Company Limited qeghda *inter alia* titlob ir-revoka tal-provvediment tat-30 ta` Settembru 2017, lanqas ma huwa l-kaz li l-kawza tal-lum terga` tigi riappuntata.**

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti, filwaqt illi tiddikjara illi fl-istat attwali taghha, din il-kawza mhijiex dezerta ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, qeghda tichad it-talba tar-rikorrenti ghar-riappuntament tal-kawza kif dedotta fir-rikors taghha tad-29 ta` Settembru 2017. Ghalhekk il-kawza ghandha tibqa` *sine die.***

**L-ispejjez ta` dan il-provvediment jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**